MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 14/2008

Anthony Vella u Vella Construction Services Limited

vs

Socjeta’ Filarmonika La Stella

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba ipprezentat fil-25 ta’ April 2008, li jghid hekk :

‘Peress illi l-atturi gew inkarigati sabiex jaghmlu xogholijiet ta’ kostruzzjoni fuq inkarigu ta’ l-istess socjeta’ konvenuta ghal liema xoghol fadal jithallas bilanc fl-ammont ta’ erbat elef tliet mija u disgha u sebghin ewro u erbgha u sittin centezmi (€4,379.64) pari ghal elf tmien mija u disgha u sebghin liri Maltin u disghin centezmi (Lm1,879.90) ;

U peress illi minkejja li giet interpellata thallas dan l-ammont is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti ;

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta l-ghaliex m'ghandhiex thallas is-somma ta' erbat elef, tliet mija u disgha u sebghin Euro u erbgha u sittin centezmi (€4,379.64) pari ghal elf tmien mija u disgha u sebghin liri Maltin u disghin centezmi (Lm1,879.90), kif fuq duvuti bl-imghax mid-data tat-tlestija sad-data tal-hlas opportun ;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-hmistax (15) ta' Jannar elfejn u sebgha (2007), u bl-ingunzjoni tas-socjeta' konvenuta li minn issa hija mharrka ghas-subizzjoni.'

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata bl-avviz tat-talba u bl-avviz tas-smiegh fis-16 ta' Mejju 2008, u minkejja li fl-ewwel udjenza ddikjarat li qed tikkontesta t-talba attrici, baqghet ma dahhlet ebda risposta ;

Ra n-nota tal-atturi tat-28 ta' Ottubru 2008, li permezz taghha rriducew l-ammont imsemmi fl-avviz tat-talba ghal elfejn disa' mija u sitta u hamsin Euro (€2956) stante li fil-mori tal-kawza s-socjeta' konvenuta kienet hallset lill-atturi pagament akkont ;

Ra l-verbal tas-16 ta' Ottubru 2009, fejn l-atturi ddikjaraw li kienu qeghdin icedu l-meritu stante li fil-mori tal-kawza l-ammont pretis minnhom kien thallas kollu mis-socjeta' konvenuta, u zammew ferm il-kwistjoni dwar il-kap tal-ispejjez, u talbu sentenza f'dan is-sens ;

Ra' l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidra :

Illi mill-ftit provi li jinsabu in atti jirrizulta li minkejja li s-socjeta' konvenuta kienet iddikjarat li ser tikkontesta t-talba tal-atturi, baqghet la dahhlet ebda risposta u lanqas ma ressqet ebda provi fejn giet kontestata t-talba tal-atturi, anzi' jirrizulta li l-ammont li l-atturi kienu qeghdin jitolbu minghand is-socjeta' konvenuta thallas lilhom fil-mori tal-

kawza, u ghalhekk dan it-Tribunal ma jara ebda raguni ohra l-ghaliex l-ispejjez tal-kawza m'ghandhomx jigu akkollati kollha lis-socjeta' konvenuta.

Wara li ra l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380, u 223 tal-Kap.12.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi l-ispejjez kollha konnessi mat-talba taghhom, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar 2007 bin-numru 62/07, kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------